# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru : 995/2015 JPG**

**Kawza Numru: 40**

**Rikors Guramentat 653/2015 JPG**
**Av. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Ltd**

**vs**

**Av. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer li gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw is-socjeta' estera Flaxpool Limited;**
**u**
**Steel Eagle Commerce Limited**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 970/15 fl-ismijiet:**
**Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited**

**vs**

**1) Flaxpool Limited u 2) Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors b'urgenza tas-socjeta' Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938) tal-20 t' Ottubru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru precitat prezentat fil-15 ta' Gunju 2015 (Dok. "A" anness) dina l-Onorabbli Qorti ordnat li tigi ssekwestrata s-somma ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin dollaru Amerikan ($26,636.00) ossia tlieta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin euro u ghoxrin cent (€23,669.20) mill-flus appartenenti lis-socjeta' esponenti;*

*Illi l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru inhareg in kawtela tal-pretensjonijiet dedotti mill-Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera (Ciniza) Jiaxing Stone Industries Limited fil-precitat mandat kawtelatorju u li eventwalment gew dedotti f'kawza b'rikors guramentat, liema pretensjoni, inter alia fl-istess mandat kawtelatorju tezawrixxi ruha fil-kliem "**ammont dovut ghall-bejgh u spedizzjoni ta' diversi prodotti li jifformaw il-mertu ta' proceduri fl-ismijiet premessi li ser jigi intavolati fil-jiem li gejjin**";*

*Illi eventwalment giet ipprezenta kawza rigwardanti l-allegat mertu citat fil-fuq imsemmi mandat ta' sekwestru permezz tar-rikors guramentat numru 653/2015JPG (appuntata ghas-smigh ghad-19 ta' Ottubru 2015);*

*Illi anke tramite d-debita risposta mahlufa, l-validita' tar-rikors guramentat promotur ta' dina l-kawza (numru 653/2015JPG) qed tigi kontestata peress illi ma jirrizulta minn imkien li qed jigi mitlub il-hlas tal-ammont citat bhala l-allegat kreditu fil-fuq imsemmi mandat. Tant hu hekk li kull ma hu qed jigi mitlub huwa likwidazzjoni u hlas tal-ammont allegatament dovut skond l-atturi ghall-hlas tal-hemm imsemmija purchase orders, u dana bi ksur lampanti ta' dak stabbilit fit-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-attur nomine la hallas it-tariffi stabbiliti f'artikolu 3(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) applikabbli f'kaz ta' prezentata ta' rikors guramentat fejn it-talba tkun ghall-hlas ta' somma flus u l-anqas ma ghamel id-dikjarazzjoni msemmija f'artikolu 4(1)(f) tal-istess Tariffa A tal-imsemmija Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk lanqas ma hallas it-tariffa korretta dovuta skont l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi permezz ta' rikors prezentat mis-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited, socjeta' Maltija, fit-23 ta' Gunju 2015 (Rikors numru 607/2015) is-socjeta' esponenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*"*

1) *Tirrevoka ghal kollox il-Mandat ta' Sekwestru Numru 169/15 fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-paragrafi (d) u (f) ta' Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u*
2) *Tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti estera hekk kif prezenzjalment rapprezentata mill-Avukat Dr John Refalo sabiex thallas penali lis-socjeta' esponenti a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez."*

*Illi permezz tad-digriet Taghha tat-13 ta' Awwissu 2015 fl-atti tar-rikors numru 607/2015 JRM fl-ismijiet "Avukat John Refalo bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited vs CALIBRE CONSULTANTS LIMITED u Steel Eagle Commerce Limited (C – 46938)" dina l-Onorabbli Qorti, minghajr ma semghet lis-socjeta esponenti cahdet it-talba li saret mis-socjeta' esponenti ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru precitat, u dana ghar-ragunijiet premessi fl-istess decizjoni – Dok. "B".*

*Illi minghajr pregudizzju, is-socjeta' rikorrenti tifhem li dina l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta setghet kienet tal-fhema li ghadu prematur biex tiddeciedi jekk ghandhiex tigi mposta penali fuq is-sekwestrant nomine a tenur tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, dan pero' ma jfissirx li mhux ser jkun il-kaz li, aktar-il quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti tinfliggi penali fuq is-sekwestrand nomine a tenur ta' l-istess artikolu u tikkundannah ghall-hlas tad-danni li jigu minnha likwidati;*

*Illi fil-fatt, flimkien mar-Risposta Guramentata pprezentata mis-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Ltd vs Av. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer li gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw is-socjeta' estera Flaxpool Limited; u Steel Eagle Commerce Limited"*

*(Rikors Guramentat 653/2015 JPG - LED: 19/10/15) is-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited pprezentat kontro-talba fejn, wara li ddikjarat:*

1) *"Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat promotur tal-kawza odjena u, kif inghad, l-istess socjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha koncess skond il-ligi u qieghda taghmel il-prezenti kontro-talba kontra l-attur;*

2) *Illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 fl-ismijiet "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited vs 1) Flaxpool Limited u 2) Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938)" prezentat fil-15 ta' Gunju 2015 (Dok. "SE1" anness) dina l-Onorabbli Qorti ordnat li tigi ssekwestrata ta' sitta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin dollaru Amerikan ($26,636.00) ossia tlieta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin euro u ghoxrin cent (€23,669.20) mill-flus appartenenti lis-socjeta' esponenti;*

3) *Illi s-socjeta' esponenti kienet* <u>*BISS*</u> *qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta' estera Calibre Consultants Limited li hija fil-fatt kumpannija inkorporata gewwa St. Lucia, u dana bil-ghan li jigi koordinat l-ordni u l-konsenja tal-prodotti mibjugha mis-socjeta' sekwestranti estera lis-socjeta' estera Flaxpool Limited u ghalhekk, is-socjeta' esponenti m'ghandha l-ebda responsabilita' diretta ghall-hlas ta' sommom (li jistghu wara kollox jirrizultaw li l-anqas huma dovuti wara li jigi dibattut il-mertu) u dwar dan kienet ben konsapevoli s-socjeta' attrici rikonvenzjonata;*

4) *Illi dolozament l-attur nomine, ben sapevoli tal-fatt li s-socjeta' esponenti kienet* <u>*BISS*</u> *qed tagixxi ta' mandatarju tas-socjeta' estera Calibre Consultants Limited xorta wahda talab ghal u ottjena l-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 kontra s-socjeta' esponenti;*

5) *Illi s-socjeta' esponenti soffriet u qed issoffri danni konsegwenza tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 (Dok. "SE1"), fosthom dawk li jirrizultaw minn-nuqqas tal-uzu tal-flus li gej minnha mehuda u depozitati taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti skond kif jirrizulta mic-cedola ta' depozitu numru*

*1028/2015 (Dok. "SE2") fl-ismijiet premessi li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "B" u li permezz taghha gew depozitati s-somma ta' €40,017.03 minn flus is-socjeta' esponenti oltre l-ispejjez;*

6) *Illi bil-hrug tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15, per konsegwenza tat-telf ta' uzu tal-flus appartenenti lis-socjeta' esponenti qeghdin u sejrin jigu imposti fuq is-socjeta' esponenti multi, hlas ta' demurrage, inoltre s-socjeta' esponenti giet f'qaghda li ma tistax thallas il-kredituri legittimi taghha (anke ghal merci li jinsabu diga' in transit) u anke ghall-fatt illi s-socjeta' esponenti ma tistax aktar tibqa' topera b'success u ghat-telf ta' reputazzjoni u anke telf ta' qligh. Dan kollu jissarraf f'danni li qed jigu rrekati lis-socjeta' esponenti u li ghalihom l-atturi ghandhom jghamlu tajjeb;*

7) *Illi ta' dawk id-danni kollha fuq imsemmija l-attur nomine huwa unikament responsabbli;*

8) *Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha minnu dikjarati."*

*l-istess socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited talbet lil dina l-Onorabbli Qorti biex:*

1) *"Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonati jew min minnhom ikkawzaw u qeghdin jikkawzaw danni lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti u li l-istess l-atturi rikonvenzjonati huma unikament responsabbli ghal dawk id-danni li huma kkagunaw lis-socjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

2) *Tillikwida id-danni kollha li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;*

3) *Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jhallsu lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti dawk id-danni hekk likwidati li l-atturi rikonvenzjonati kkagunaw lis-socjeta' konventa rikonvenzjonanti;*

*Bl-imghaxijiet mid-data tal-inadempjeza tal-atturi rikonvenzjonati u bl-ispejjez kontra l-istess atturi rikonvenzjonati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ohra kontra l-atturi rikonvenzjonati spettanti lis-socjeta'-esponenti."*

*Illi kif ghad sejjer jirrizulta fil-kawza fl-ismijiet "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Ltd vs Av. Abigail Bugeja u l-PL Hilda Ellul Mercer li gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw is-socjeta' estera Flaxpool Limited; u Steel Eagle Commerce Limited" (Rikors Guramentat 653/2015 JPG - LED: 19/10/15) is-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited soffriet u qed issoffri danni konsegwenza tal-precitat Mandat ta' Sekwestru numru 970/15 (Dok. "A"), fosthom dawk li jirrizultaw minn-nuqqas tal-uzu tal-flus li gei minnha mehuda u depozitati taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti skond kif jirrizulta mic-cedola ta' depozitu numru 1028/2015 fl-ismijiet premessi li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "C" u li permezz taghha gew depozitati s-somma ta' €40,017.03 minn flus is-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited oltre l-ispejjez u oltre dan l-istess socjeta' esponenti ghandha pretensjoni kontra s-sekwestrand nomine ghad-danni li sejrin jeccedi bil-bosta s-somma mitluba fil-mandat ta' sekwestru ta' $146,308.72 hekk kif ser jigi spjegat, liema ammont ta' danni ser jkompli jizdied aktar ma jdum fis-sehh il-mandat ta' sekwstru;*

*Illi apparti l-pretensjoni rikonvenzjonali tas-socjeta' esponenti, l-istess socjeta' esponenti ghad ghandha dritt li fil-mument opportun titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti estera hekk kif prezenzjalment rapprezentata mill-Avukat Dr John Refalo sabiex thallas penali lis-socjeta' esponenti a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi s-socjeta' sekwestranti estera hekk kif prezenzjalment rapprezentata mill-Avukat Dr John Refalo m'ghandha l-ebda prezenza hawn Malta u daqstant iehor m'ghandha l-ebda assi hawn Malta u ghalhekk, f'kaz li s-socjeta' sekwestranti estera rikonvenuta hekk kif prezenzjalment rapprezentata mill-Avukat Dr John Refalo ma jkollhiex success fit-talbiet taghha u aktar u aktar f'kaz li dik l-istess socjeta' estera Ciniza Jiaxing Stone Industries Limited tigi kkundannata biex thallas kwalsiasi ammont lis-socjeta' Maltija esponenti allura dik id-decizjoni tigi li ma ssarraf f'xejn ghajr f'bicca karta;*

*Illi b'zieda ma dan, il-fatt li l-attur nomine lanqas ma hallas it-tariffi stabbiliti f'artikolu 3(1)(f) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) bbazati fuq il-valur tal-pretensjoni tieghu - skond il-mandat ta' sekwestru precitat mija u sitta u erbghin elf tlett mija u tmien euro u tnejn u sebghin cent (€146,308.72) zgur ma jpingi l-ebda pittura sabieha dwar is-sitwazzjoni finanzjarja taghha u l-abbilita' taghha li tonora kwalsiasi sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kontra taghha;*

*Illi dan il-pregudizzju huwa aktar serju u gravi tenut kont tal-fatt li sa issa m'hemmx bzonn li jigu kkawtelati l-pretensjonijiet tas-socjeta` sekwestranti estera nonostante l-fatt illi l-pretensjoni taghha fil-konfront tas-socjeta' esponenti hija ferm dubjuza;*

*Minn harsa lejn l-annessa fattura li hija mmarkata bhala Dok. "D" jirrizulta bl-aktar mod car illi r-rabta kuntrattwali u l-obbligi kuntrattwali rizultanti mill-istess kuntratt ta' bejgh, li a bazi tieghu qed titlob ghal u jikkawtela l-hlas huma BISS bejn s-socjeta' sekwestranti estera u socjeta' estera ohra Flaxpool Ltd;*

*Illi ghalhekk, jirrizulta illi mhux biss is-socjeta' estera Ciniza rapprezentata mill-mandatarju taghha l-Avukat Dr. John Refalo qed tipprova tirreka ghaliha gurisdizzjoni li dina l-Onorabbli Qorti lanqas ma ghandha fil-konfront tal-veru kontro-parti tal-kuntratt ta' bejgh skond l-artikolu 742 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jirrizulta ukoll illi s-sekwestrand nomine abbuza (fl-umli fhema tas-socjeta' esponenti) mill-procedura tal-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u qed jallega kreditu fitizzju fil-konfront tas-socjeta' esponenti bil-ghan illi jipprova jeradika gurisdizzjoni f'Malta li altrimenti ma kellux oltre li joholoq inkonvenjent qawwi lis-socjeta' esponenti bil-ghan li jgieghelha tintervjeni biex is-socjeta' estera Calibre Consultants Ltd tasal ghal xi ftehim;*

*Ghandu jirrizulta mill-annessa prokura Dok. "E" li s-socjeta' esponenti kienet <u>BISS</u> qed tagixxi ta' mandatarju tal-precitata socjeta' estera Flaxpool Limited li hija fil-fatt kumpannija inkorporata gewwa St. Lucia, u dana bil-ghan li jigi koordinat l-ordni u l-konsenja tal-prodotti mibjugha mis-socjeta' sekwestranti estera lis-socjeta' estera Flaxpool Limited. Ghalhekk, is-socjeta' esponenti m'ghandha l-ebda responsabilita' diretta ghal hlas ta' sommom (li jistghu wara kollox jirrizultaw li l-anqas huma dovuti*

*wara li jigi dibattut il-mertu) u ghalhekk zgur huwa l-kaz li l-mandat ta' sekwestru precitat huwa illegali fil-konfront tas-socjeta' esponenti.*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha, u specjalment peress li s-socjeta' sekwestranti estera m'ghandha l-ebda pretensjoni legittima kontra s-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited, u peress illi l-likwidita` tas-socjeta` esponenti mhux xi sigriet u s-socjeta` sekwestranti estera Jiaxing Stone Industries Limited (li taf dan ben tajjeb) xorta wahda pprezentat dan l-imsemmi mandat ta` sekwestru 970/15 bil-ghan doluz u malizzjuz uniku li jivvessa u jfixxkel lis-socjeta' esponenti fil-gestjoni kummercjali taghha meta m'ghandha l-ebda jedd legittimu kontra s-socjeta' esponenti;*

*Ghalhekk huwa l-kaz li jikkonkorru ukoll il-provvedimenti tal-artikolu 1047 (2) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta u anke dawk tal-artikolu 1047(1) tal-istess Kap. 16 allura s-sekwestrand nomine huwa possibbli li jigi kkundannat sabiex jindennizza s-socjeta' esponenti ghal kull hsara li tkun batiet, kompriz kull telf ta' qligh;*

*Illi Artikolu 838 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li :*

> *"838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

*Illi s-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited ghandha pretensjonijiet legittimi u validi kontra s-sekwestrand nomine ghad-danni li tinkorporaw demurrages, telf ta' qligh, telf ta' reputazzjoni, telf ta' opportunitajiet, imghaxijiet u charges u spejjez ohra li gja huma ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn u sbatax-il elf tlett mija u disgha u sebghin Dollaru Amerikan u erbgha u sittin cent ($217,379.64), u dana hekk kif jirrizulta ahjar fl-anness prospett immarkat bhala Dokument "SE".*

*Minn dan l-imsemmi Dokument "SE" u l-varji dokumenti hemm annessi, jirrizulta bl-aktar mod car li s-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited gja ghamlet diversi negozji ta' xiri u bejgh ta' merci. Konsegwenza tal-precitat mandat ta' sekwestru*

*malizzjuz, vessatorju, infondat u dolozament mahrug is-socjeta' esponenti giet fis-sitwazzjoni li ma tistax thallas il-fornituri taghha ghall-merci muri f'dawn id-dokumenti u ghalhekk, peress illi gja gew konsenjati lis-socjeta' esponenti d-debiti bills of lading hi qed tinkorri demurages sostanzjali li huma kkalkulati fil-parti intestat bl-ittra "A" fl-imsemmi Dokument "SE" u liema demurages sejrin jkomplu jizdiedu b'rata mghagla peress illi s-socjeta' esponenti, imcahhda mill-uzu ta' flusha konsegwenza tas-sekwestri mahruga mill-avukat Refalo nomine ma tistax thallas il-fornituri taghha dak dovut fuq il-bills of lading relattivi u b'hekk ghall-merci;*

*Daqstant iehor is-socjeta' esponenti qed issofri penalijiet talli ma hijiex qed tikkonsenja l-merci (li s-socjeta' esponenti kif inghad gja xtrat izda li ma tistax tiehu l-kunsinna taghha peress illi ma tistax thallas ghalihom minhabba l-mandat ta' sekwestru mahrug mis-sekwestrant nomine) mibjugha lix-xerreja rispettivi u anke qed issofri minn telf ta' qligh u telf ulterjuri ta' flusha peress illi dawn il-bejgh ma jistghux jigu konkjuzi;*

*Illi aktar minn hekk, skond ma jirrizulta fil-parti intestat bl-ittra "B" fl-imsemmi Dokument "SE" is-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited gja ghamlet diversi negozji ohra ta' xiri u bejgh ta' merci u li ghadha ma ircevietx id-debiti konsenji taghhom, u ghalhekk, lanqas id-debiti bills of lading u li pero' ghandhom jasslu fil-ijiem li gejjin. Konsegwenza tal-precitat mandat ta' sekwestru malizzjuz, vessatorju u doluzament infondat is-socjeta' esponenti giet fis-sitwazzjoni li ma tistax lanqas thallas il-fornituri taghha ghall-merci muri f'dawn id-dokumenti hekk kif fil-ijiem li gejjin jigu konsenjati d-debiti bills of lading hi tibda tinkorri demurages sostanzjali li huma kkalkulati hemm ukoll. Daqstant iehor is-socjeta' esponenti sejra issofri penalijiet talli ma tkunx qed tikkonsenja l-merci (li s-socjeta' esponenti kif inghad gja xtrat izda li ma tkunx tista' tiehu l-kunsinna taghha peress illi ma tistax thallas il-fornitori taghha ghalihom minhabba l-mandat ta' sekwestru mahrug mis-sekwestrant nomine) mibjugha lix-xerreja rispettivi u anke qed issofri minn telf ta' qligh u telf ulterjuri ta' flusha peress illi dawn il-bejgh ma jistghux jigu konkjuzi, liema demurrages, telf ta' qligh, telf ta' reputazzjoni, telf ta' opportunitajiet, imghaxijiet u charges u spejjez ohra gja gew kkalkulati fis-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf erbgha mija u hamsa u disghin Dollaru Amerikan u tlieta u hamsin cent ($126,495.53);*

*Illi kif ser jirrizulta ahjar anke fil-kawza fl-ismijiet premessi dawn d-danni - li komplessivament sa issa jammontaw ghal tlett mija u tlieta u erbghin elf tmien mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u sbatax-il cent ($343,875.17) - ser jkomplu jizdied aktar ma jdumu fis-sehh il-mandati ta' sekwstru mahruga mill-avukat Refalo nomine;*

*Illi jinghad minghajr tlaqliq illi s-socjeta' esponenti kellha toskura l-ismijiet tal-klijenti taghha fuq id-dokumenti precitati annessi mal-fuq imsemmija Dok. "SE" u anke fuq l-istess Dok. "SE", u dana peress illi s-socjeta' estera Ciniza qed taghmel minn kollox biex tkisser in-negozju tas-socjeta' esponenti – haga li ma hi fl-ahjar interessi ta' hadd! Dan jirrizulta ampjament mill-annessi tlett (3) emails (Dok'ti. "F", "G" u "H") li klijent tas-socjeta' esponenti ircieva minghand il-klijenti taghha fosthom is-socjeta' Brymorex, liema klijenti tas-socjeta' esponenti ircevew dawn l-emails minghand is-socjeta' Ciniza sekwestranti Jiaxing Stone Industries Limited u fejn is-socjeta' sekwestranti Ciniza qed ixxerred notizji li jistghu jaghmlu hsara kbira u grazi lill-kummerc gestit mis-socjeta' esponenti, u dana bi ksur lampanti tal-provvedimenti tal-artikolu 34 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta li tipproibixxi t-tixrid ta' dawn in-notizji;*

*Illi oltre l-premess, is-sekwestrant (l-Avukat John Refalo) nomine ukollipprezenta mandat ta' sekwestru frivolu, vessatorju u malizzjuz iehor doluzament kontra s-socjeta' esponenti fejn qeghda tissekwestra l-ammont ekwivalenti ghal mija u sitta u erbghin elf tlett mija u tmien euro u tnejn u sebghin cent (€146,308.72) sabiex skond hi tikkawtela allegat kreditu fir-rigward ta' negozju bejn is-socjeta' sekwestranti estera u socjeta' estera ohra – Calibre consultants Limited. Kopja ta' dan is-sekwestru qeghdha, ghal kull buon bini, tigi annessa u mmarkata bhala Dok. "I";*

*Illi ssir referenza ghad-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjedut fil-11 ta' Lulju 2014 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Gauci u John Zarb vs Clair Baron Bello (Rikors 104/2014 AF) fejn appuntu gie deciz li:*

> *"Kif irriteniet il-Qorti fil-proceduri Mediterranean Film Studios vs Galea et (30.6.2000), il-fatt wahdu li jkun inhareg mandat m'huwiex sufficjenti sabiex tigi gustifikata l-imposizzjoni ta' garanzija. Ir-ragunijiet iridu jkunu gravi u impellenti.*

> *"Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija m'hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqieghed lill-parti ezekutata f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tesegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha."*

*Illi fl-umli fhema tas-socjeta' esponenti jezistu raggunijiet gravi u impellenti li huma sufficjenti sabiex tigi gustifikata l-imposizzjoni ta' garanzija fil-konfront tas-sekwestrant nomine sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tas-socjeta' Maltija Steel Eagle Commerce limited kontra s-sekwestrantighad-danni li sa issa jammontaw ghal tlett mija u tlieta u erbghin elf tmien mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u sbatax-il cent ($343,875.17) (vide l-anness Dok. "SE") (u li ser jkomplu jizdied aktar ma jdumu fis-sehh il-mandati ta' sekwstru mahruga mill-avukat Refalo nomine) u inoltre anke sabiex tkopri dik il-penali li ghad tista' tigi inflitta fuq is-sekwestranti a tenur a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u anke ghall-ispejjez tal-proceduri kollha fl-ismijiet premessi ... aktar u aktar peress illi m'hemmx dubbju illi t-talba tas-socjetá estera Jiaxing Stone Industries Limited (li l-anqas ma ma kienet lesta dik is-socjeta'  li thallas dritt ta' Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti ad valorem hekk kif suppost) kontra s-socjeta' esponenti Steel Eagle Commerce Limited – kumpannija Maltija - saret b'malizzja, u hija frivola u vessatorja;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tordna lill-Avukat John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jiddepozita garanzija li dina l-Onorabbli Qorti jidhirla lit kun xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju precitat bin-numru 970/15 fl-ismijiet: "Avv. John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited vs 1) Flaxpool Limited u 2) Steel Eagle Commerce Ltd (C-46938)".*

*Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull jekk tas-socjeta' rikorrenti li tipprocedi kontra s-sekwestrand nomine u kontra s-socjeta' sekwestranti estera ukoll ghad-danni li hi soffriet, li qed issofri u li ghad tista' ssofri minhabba l-effetti tal-mandat ta'sekwestru precitat u ghall-imghaxijiet relattivi u ghall-ispejjez."*

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Ottubru 2015 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal-10 ta'Novembru 2015 11:15am ;

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat ir-risposta tal-Avukat John Refalo noe (ID:113874M) tat-2 ta'Novembru 2015 (a fol. 99b et seq) li taqra hekk:

*"Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors tas-socjeta` Steel Eagle Commerce Ltd fis-26 ta' Ottubru 2015, u qieghed jintavola s-segwenti risposta li permezz taghha qieghed jopponi t-talbiet ta' l-istess rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd;*

*Illi l-background ta' din il-vertenza jista' jigi sintetizzat kif gej:-*

1) *Illi l-awtur ta' l-esponenti, socjeta` Ciniza bl-isem Jiaxing Stone Industries Ltd intavolat kawza [fl-ismijiet hawn fuq premessi Cit. Nru. 653/15 JPG] kontra s-socjeta` rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd u kumpanija estera relatata maghha, illi tezisti biss bhala paraventu taghha, u liema kawza tittratta debitu derivanti minn negozju kkuntrattat mas-socjeta` rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd u konkluz apparentement ma' din is-socjeta` estera, bl-isem Flaxpool Ltd, li f'dawn il-proceduri hija rapprezentata mill-kuratur Avv. Abigail Bugeja. In kawtela tal-pretensjoni ta' l-esponenti, gie intavolat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju [970/15] kontra Flaxpool Limited u r-rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd, u dan kif isir solitament.*

2) *Illi f'dan il-kaz, u kif jirrizulta minn **DOK A** anness mar-rikors odjern, ghall-fini tal-Mandat, gie dikjarat valur ta' Euro 23,669.20, li fiz-zmien meta gie intavolat il-Mandat ta' Sekwestru kien jirrifletti l-valur ta' USD 26,636.00,*

*liema ammont f'valuta Amerikana huwa l-ammont li l-awtur ta' l-esponenti qieghed ifittex ghalih.*

3) *Illi hemm proceduri gudizzjarji ohra bejn l-esponenti, ir-rikorrenti odjern Steel Eagle Commerce Ltd u socjeta` estera ohra assocjata ta' l-istess rikorrenti li l-esponenti jikkontendi li hija wkoll paraventu ta' Steel Eagle Commerce Ltd, bl-isem Calibre Consultants Ltd. F'dan il-kaz ukoll gie intavolat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ghal somma dovuta fuq negozju iehor. Bhala fatt, u dan kif jirrizulta mid-**DOK.C** anness mar-rikors odjern, giet depozitata s-somma ta' Euro 40,017.03 appartenenti r-rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd, u dan in segwitu ghall-ezekuzzjoni **taz-zewg Mandati kawtelatorji**, inkluz dak odjern.*

4) *Ir-rikorrenti odjern, Steel Eagle Commerce Ltd intavolat rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju l-iehor [ossija tal-Calibre], f'liema rikors bazikament gabet l-istess argumenti li qeghda tressaq permezz tar-rikors odjern – li m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-esponenti u l-Mandat qieghed jirrekala danni. Proprju fuq dan il-binarju, ir-rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd iddeduciet kontro talba, ezatt bhal ma ghamlet fil-kawza fil-mertu fl-ismijiet hawn fuq premessi. Ir-rikorrenti, madanakollu tonqos milli tghid li l-esponenti eccepixxa n-nullita` tal-kontro talba stante nuqqas ta' ness, u dan fiz-zewg kawzi;*

5) *Illi dina l-Onorabbli, diversament preseduta, cahdet ir-rikors ghar-revoka tal-Mandat l-iehor permezz ta' Digriet, anness mar-rikors odjern bhala* **DOK.B.** *Dan qieghed jinghad biss stante li l-argumenti migjuba f'dawk il-proceduri ghandhom ikunu identici, u ghaldaqstant, bid-dovut rispett, il-motivazzjonijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta f'dik il-procedura ghandha tigi applikata in toto anke f'dawn il-proceduri;*

6) *Illi tajjeb li jinghad illi f'dak ir-rikors gie mitlub li tigi applikata penali fil-konfront ta' l-esponenti, liema talba wkoll giet michuda fl-istess Digriet, u ghaldaqstant l-esponenti taghmel taghha l-argumentazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ghall-fini tar-risposta odjerna.*

7) *Illi permezz tar-rikors odjern, l-istess socjeta` rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd qeghdha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna d-depozitu ta' garanzija li tkun xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju;*

*Illi* ***b'risposta*** *ghall-argumenti kontenuti fir-rikors, jinghad, bir-rispett, kif gej:-*

1. *Qabel xejn jigi rilevat illi fir-rikors taghha, ir-rikorrenti taghmel referenza biss li hija mandatarju ta' Calibre Consultants Limited,*[1] *u mhux ta' Flaxpool Ltd – ghalkemm ghall-korrettezza jinghad illi giet esebita allegata prokura ta' Flaxpool Limited a favur tar-rikorrenti. Kif diga` inghad fi proceduri ohra, l-esponenti ghandu dubji serji fir-rigward tal-veracita` ta' l-istess. Xorta wahda, dato ma non concesso, jidher li allura l-esponenti ghamel sew li ddeduca l-pretensjoni tieghu kontra r-rikorrenti, jekk vera hija mandatarju tas-socjeta` estera;*

2. *L-esponenti jirreferi ghat-tieni paragrafu f'pagna 6 tar-rikors odjern, fejn ir-rikorrenti tghid li "ghandha dritt li fil-mument opportun titlob li dian l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti estera…sabiex thallas penali lis-socjeta` esponenti a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta". L-esponenti tissottometti bir-rispett illi r-rikorrenti lanqas biss ippruvat titlob ir-revoka tal-Mandat kawtelatorju odjern. Dan jinghad, b'kull rispett, stante illi wiehed jistenna li jekk il-Mandat odjern kien daqshekk ingust u hemm lok ghar-revoka tieghu, qabel ma tigi mitluba l-impozizzjoni ta' garanzija, kien isir tentattiv da parti tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat. L-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan ir-rikorrenti m'ghamlitux ghax wara li r-rikors revoka tal-Mandat ta' Sekwestru l-iehor [ta' Calibre] gie michud*[2]*, ir-rikorrenti rat li ma kellhiex kaz ta' revoka u x'aktarx qatghet qalbha milli tippromwovi rikors ghar-revoka ghal dan il-*

[1] *Vide p.4 tar-rikors odjern*
[2] *Vide DOK.B anness mar-rikors odjern*

*Mandat ukoll.* ***<u>L-esponenti, ghalhekk, isostni li fl-assenza ta' tentattiv ta' revoka, it-talba ghall-impozzizjoni ta' garanzija hija intempestiva</u>;***

3. *Illi b'hekk, ghandu jirrizulta li r-rikorrenti 'is clutching at straws' billi tipprova tpingi xenarji li m'ghandhomx mis-sewwa, u tippretendi li tigi imposta ordni ghal garanzija, minghajr ma hemm il-bazi legali ghaliha u qabel ma tipprova titlob ir-revoka tal-Mandat li tilmenta dwaru;*

4. *F'dawk il-proceduri[3] r-rikorrenti kienet talbet ukoll l-impozizzjoni ta' penali, izda din it-talba giet michuda, kif jirrizulta mill-istess Digriet* ***DOK.B****. L-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-ordni ghall-hlas ta' penali tirrikjedi prova ta' frivolita` u malizzja da parti ta' l-esponenti fit-talba tieghu ghall-hrug ta' Mandat kawtelatorju, liema elementi ma jirrizultawx. Il-lanjanza li r-rikorrenti qeghdha tinkorri danni minhabba l-hrug tal-Mandat b'ebda mod ma hija indikattiva ta' malizzija jew frivolozita`. Isegwi, ghalhekk, illi jekk ma jirrizultawx l-elementi skond il-Ligi ghall-impozizzjoni ta' penali, bir-rispett kollu l-impozizzjoni ta' garanzija ghal eventwali penali tkun inutli;*

*Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, li jikkostitwixxi l-argument principali ta' l-esponenti in linea ta' risposta, jigi sottomess is-segwenti;*

5. *Illi l-kwistjoni tad-danni li allegatament qeghdha ssofri r-rikorrenti minhabba li ma tistax tuza flusha huwa rrilevanti. Fl-ewwel lok, din hija kwistjoni ta' mertu ormai wara li l-istess rikorrenti intavolat kontro talba, u ghaldaqstant m'ghandhiex tigi diskussa f'dan l-istadju. Fit-tieni lok, l-istess effett jinhass minn kull min jigi milqut mill-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru – x'tippretendi r-rikorrenti, illi fil-kaz taghha biss ma jistax jigi intavolat mandat kawtelatorju?*

6. *Illi huwa irrizorju li r-rikorrenti qeghdha tikkontendi danni ta' oltre USD 300,000 fuq Mandat ta' Sekwestru ta' USD 26,000 circa – dan huwa indikattiv*

---

[3] *Cio'e`, ir-rikors revoka ghall-Mandat ta' Sekwestru dekretatat fid-DOK.B anness mar-rikors odjern [bejn l-esponenti, Calibre Consultants Limited, u r-rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd].*

*tas-sahha finanzjarja tar-rikorrenti, u tindika minn issa problem li l-esponenti se jirrinfaccja f'kaz li jkollu Sentenza fil-mertu favorevoli x'jezegwixxi;*

7. *Illi l-esponenti ma jistax jidhol f'dettall dwar ghalfejn eccepixxa n-nullita` tal-kontro-talba stante li hija kwistjoni ta' mertu, pero` n-nullita` tqajmet u f'dak il-kaz, anke l-argument li l-awtur ta' l-esponenti ma jinsabx Malta ma' tibqax wahda siewja;*

8. *Illi l-argument dwar it-tariffi huwa ghal kollox irrelevanti ghal dan l-ezercizzju u xejn m'ghandu x'jaqsam ma "s-sitwazzjoni finanzjarja taghha u l-abbilita` taghha li tonora kwalsiasi sentenza". Mill-Mandat ta' Sekwestru stess jirrizulta li l-pretensjoni hija ta' valuta mhux Maltija, u anke fir-Rikors Mahluf gie indikat il-kwistjoni tal-kambju bhala r-raguni ghalfejn it-talba fil-mertu hija da likwidarsi, qisha parti m'ghandhiex il-fakolta` tiddetermina kif inhu l-izjed ghaqli kif it-talba tigi intavolata. Hija effettivament ghazla ta' l-attur li f'kawza jiddeciedi jekk il-pretensjoni tieghu hijiex likwidata jew da likwidarsi, kif tghallimna l-gurisprudenza nostrali.*

9. *Barra minn hekk jigi rilevat illi anke r-referenza ghall-valur li saret mir-rikorrenti[4] ma hiex korretta, u li hija dik tal-kawza l-ohra. Izjed minn zball tat-tipa, li certament huwa l-kaz, tali lapsus huwa indikattiv ukoll ta' kemm il-kaz huwa verament ingarbuljat fir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u dawn iz-zewg socjetajiet esteri, u mhux cara daqskemm qed tipprova tpingija r-rikorrenti. Tkompli tikkonferma t-teorija ta' l-esponenti ta' kolluzjoni u li lsocjeta` estera karibika hija biss shell company li tagixxi bhala paraventu, possibbilment ghal ragunijiet fiskali;*

10. *Illi r-rikorrenti ghandha wiccha tost biex issostni fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar f'pagna 6 tar-rikors odjern illi sa issa ma hemmx bzonn li l-pretensjoni ta' l-esponenti tigi kkawtelata. Skond il-Ligi kreditur jista' jintavola Mandat kawtelatorju anke qabel ma tigi intavolata kawza fil-mertu, u l-esponenti hekk ghamel.* ***<u>Ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li l-fatt li l-esponenti rrikorra ghal</u>***

---

[4] *Vide pagna 6 tar-rikors odjern*

***rimedji legali ordinarji, bhal ma huma kawza u l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju timmerita li tigi punita semplicement ghaliex ir-rikorrenti tqeghdet f'qaghda fejn ma tistax tonora obbligi assunti ma terzi****. Din ma hijiex sitwazzjoni barra n-normali.*

11. *Illi r-rikorrenti ikomplu l-istess argument ta' kreditu fittizju u li l-esponenti qieghed jipprova jikkrea gurisdizzjoni u li r-rabta kuntrattwali tidher li hija biss bejn l-awtur ta' l-esponenti u s-socjeta` estera Flaxpool Limited [f'pagna 7 tar-rikors hija indikata Calibre Consultants Limited, ghall-precizjoni]. L-istess rikorrenti diga` ipprovat l-istess argument fir-rikors ghar-revoka tal-Mandat l-iehor*[5]*, izda dawn gew rigettati stante li huma argumenti li jolqtu l-mertu, u l-esponenti, fil-proceduri odjerni, jissottometti bir-rispett illi tali gudizzju ghandu jghodd ukoll f'dawn il-proceduri.;*

12. *Illi fir-rigward tal-kwistjoni tal-prokura*[6]*, l-esponenti diga` esprima ruhu fid-dettall fir-risposta ghar-rikors ghar-revoka tal-Mandat l-iehor u jirrizerva illi jipprezenta kopja ta' tali risposta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Fis-succint, hemm dubji serji dwar il-veracita` ta' din il-prokura. Di piu`, dato ma non concesso li r-rikorrenti Steel Eagle Commerce Ltd agixxiet bhala prokuratur, allura l-kawza kif inhi impostata saret korrettement kontra r-rikorrenti. In oltre, is-suspett li l-konvenuti huma tabilhaqq haga wahda huwa gustifikat in kwantu hemm provi dokumentarji li jixhtu dubju fir-rigward tal-veru uzu tas-socjeta` Flaxpool Limited, li r-registered address taghha jirrizulta huwa dak ta' ditta legali. Maghdud ma' dan, jirrizulta li t-tahdidiet ghan-negozju saru kollha mar-rikorrenti u saru anke weghdiet ta' hlas, dokumentati, mir-rikorrenti stess, u mhux mill-kumpanija estera l-ohra;*

13. *Illi l-argument ta' danni fil-konfront ta' l-esponenti misjuba minn Pagna 8 'l quddiem huma ghal kollox irrelevanti – il-kontro talba [ghalkemm nulla] saret u r-rikorrenti qeghdha tiddiskuti dak li effettivament huwa l-mertu;*

---

[5] *Vide p.4-5 tad-Digriet* ***DOK.C***
[6] *P.7 tar-rikors odjern*

14. *Illi r-referenza maghmula ghall-proceduri ohra li jinkludu socjeta` estra ohra [Calibre Consultants Limited] u l-istess rikorrenti huma rrilevanti stante li jolqtu l-mertu ta' Mandat kawtelatorju iehor u kawza fil-mertu differenti u mhux konnessi ma' dak de quo;*

15. *Illi f'pagna 10 tar-rikors odjern, li jigu indikati d-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, li jifforma l-mertu tal-kontro talba bhala [l-unika] raguni gravi u impellenti ghall-impozizzjoni tal-garanzija ma huwiex bizzejjed sabiex tali rekwiziti jigu sodisfatti. In oltre jerga' jinghad li r-rikorrenti ma tistax tintavola talba ohra ghal penali u  ghaldaqstant it-talba ghal garanzija hija inutli;*

16. *Illi finalment, il-kwistjoni ta' emails li ntbaghtu lil suppliers tar-rikorrenti wkoll huwa rrilevanti ghal din il-procedura. Certament, tali agir ma jikkostitwix raguni valida ghall-impozizzjoni ta' garanzija, u fit-tajjeb u l-hazin hija reazzjoni ghall-agir frawdolenti tar-rikorrenti li qed tipprova tevita li tonora l-impenji u l-obbligi assunti minnha. Semmai, ir-rikorrenti, jekk ihossuhom ingurjati ghandhom jezercitaw ir-rimedji opportuni, jekk dawn japplikaw ghal dan il-kaz;*

17. *Li huwa cert huwa li l-esponenti m'ghandux x'jaqsam mal-publikazzjoni fil-Malta Today, maghmula minn Avukat mhux midhla ta' l-ufficju legali ta' l-esponenti, u t-thabbir ta' Law reports hija haga normali fis-socjeta` Maltija. Anke kieku stess, il-fatt li l-kaz ikun gie ppublikat fil-media lokali ma fiha xejn hazin, anzi procedure fil-Qorti huma apert ghall-pubbliku."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti  kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-kawza odjerna tirrigwarda talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 biex taghmel tajjeb ghal hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ghad-danni u imghax u fin-nuqqas ghar-revoka tal-effetti tal-Mandat ta'Sekwestru Kawtelatorju prezentat 970/15.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-mandat 970/15 nhareg fuq pretensjoni ta' kreditu, tlieta u ghoxrin elf sitt mija u disgha u sittin Ewro u ghoxrin centezmi (€23,669.20) *"ammont dovut ghal bejgh spedizzjoni ta' diversi prodotti li jifformaw il-meritu tal-proceduri fl-ismijiet premessi li ser jigu intavolati fil-jiem li gejjien."*

Steel Eagle Commerce Limited intavolat proceduri ghar-revoka tal-istess mandat u ghal hlas ta'penali skond l-Artikolu 836 8(d) u (f) tal-Kapitolu 12.

Permezz ta' digriet finali tat-13 t'Awwissu 2015 il-Qorti diversament preseduta cahdet iz-zewg talbiet – Vide decizjoni Dok B a fol 15 et seq.

Jidher ukoll illi l-istess socjeta' Steel Eagle Commerce Limited inteponiet kontro-talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni kontra l-attur nomine.

Skond x-xhieda Valcho Valchev a fol. 107 et seq, jirrizulta illi huwa Direttur ta' Steel Eagle Commerce Limited socjeta' Maltija li hija *an International Trading Company* li tinnegozja fi prodotti tal-azzar. Steel Eagle Commerce Limited kienet awtorizzata mis-socejta' l-ohra Flaxpool Limited (socjeta' inkorporata f'Santa Lucia) biex tinnegozja f'isimha ma socjeta' Ciniza Jiaxing Stone Industries Limited.

Valchev xhed illi minhabba dizgwid bejn Flaxpool Limited u Jiaxing Stone Industries Limited, s-socjeta' tieghu, Steel Eagle Commerce Limited, giet meskolata fin-nofs u milquta bil-Mandat ta' Sekwestru 970/15. Illi konsegwentament s-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited giet mxekkla serjament finanzjarjament u ma tistghax tonora l-obbligi taghha u qed tinkorri danni kbar- Vide xhieda fol 107/108. Huwa xhed illi s-socjeta' ghandha erba' akkonti bankarji li huma *overdraft facilities* li huma *in negative*

*balance,* f'aktar minn mitt elf Ewro, waqt li erbghin elf Ewro (€40,000) huma sekwestrati.

Din il-Qorti rat u ezaminat d-digriet finali moghti fit-13 t'Awwissu 2015 li permezz tieghu u ghar-ragunijiet spjegati dettaljatament, r-revoka tal-mandat u t-talba ghal hlas ta' penali gew michuda.

It-talba odjerna ghal garanzija hija dik kontemplata fl-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

> ***"838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."***

Dan l-Artikolu huwa normalment  abbinat ma talba ghal penali u hlas ta' danni u imghax skond l-Artikolu 836 (8) u (9), tal-Kapitolu 12.

Il-Qorti taghraf ukoll illi l-kwistjoni tal-legittimu kondtradittur tista' tigi ezaminata biss f'kawza fuq il-meritu u mhux fil-procedura odjerna.

Fil-kaz in ezami pero, fejn hemm allegazzjoni li s-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited mhiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk hija totalment estranea ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' Jiaxing Stone Industries Limited, din il-Qorti tqis illi s-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited rnexxielha turi lil din il-Qorti *"**kawza gusta**"*, ghal hrug ta' garanzija ghal danni u imghax li qed tigi ffissata fis-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000).

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad limitatament l-eccezzjonijiet ta Dr. John Refalo nomine, tilqa' t-talba tas-socjeta' Steel Eagle Commerce Limited limitatament billi:

Tordna lill-Avukat Dr. John Refalo nomine sabiex **fi zmien xahar** jipprovdi garanzija bankarja fis-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) u fin-nuqqas, thassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru 970/15 fl-ismijiet **Avukat John Refalo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Jiaxing Stone Industries Limited vs Flaxpool Limited u Steel Eagle Commerce Limited**, kwantu jikkoncernaw lill-istess Steel Eagle Commerce Limited.

Fic-cirkostanzi, l-Qorti taghraf li jkun gust u ghaqli li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**